5 ta' Marzu 2021
24/2021

**INIZJATTIVI PASTORALI ONLINE MINĦABBA L-PANDEMIJA**

Fid-dawl tad-direttivi l-ġodda maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa, l-Arċidjoċesi ta' Malta qed tissospendi minnufih il-laqgħat tal-gruppi tagħha li jsiru b'mod fiżiku, inkluż is-sessjonijiet ta' katekeżi tat-tfal.

Filwaqt li tapprezza li għadd ta' laqgħat diġà qed isiru online, l-Arċidjoċesi tkompli tinkoraġġixxi biex, fejn hu possibbli, dawn l-inizjattivi pastorali jkomplu b'mod virtwali. Din id-direttiva terġa' tiġi kkunsidrata wara l-11 ta' April li ġej.

Il-Knisja tkompli tħeġġeġ biex nitolbu lil Alla għas-saħħa tal-poplu tagħna u biex nieħdu ħsieb xulxin billi nosservaw id-direttivi għall-ħarsien tas-saħħa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**